**MALTA**

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 28 ta' Frar 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Josef Grech**
**(ID: 463775M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Josef Grech** li ġie akkużat:

1. Talli f'Ottubru 2015 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, bagħbas, neħħa, biddel jew għamel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew magna ta', jew fuq, vettura bil-mutur u ċioè biddel in-numru tac-chassis ta' vettura WVWZZZ3BZXE411492 ma' numru WVWZZZ3BZXE062109.

2. U aktar talli f'Ottubru 2015 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer mingħajr l-awtoriżżazzjoni tal-Awtorità jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li tagħha setgħet ingħatat dik l-awtoriżżazzjoni, kellu fil-pussess tiegħu, uża jew ippermetta li tintuża jew biegħ jew xort'oħra, trasferixxa jew ħareġ jew ippermetta li tinħareġ minn xi deposit tad-Dwana vettura bil-mutur li ma ġietx reġistrata bis-saħħa ta' dan l-Att, u ċioè vettura bin-numru ta'

reġistrazzjoni Ingliż T586CFC u numru tac-chassis WVWZZZ3BZX E411492.

3. U aktar talli f'Ottubru 2015 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer bil-ħsieb li jevadi taxxa dovuta jew li tista' ssir dovuta fl-ammont ta' Euro 1318 naqas milli jagħti avviż ta' dik l-importazzjoni, dħul jew manifattura ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni Ingliża T586CFC lill-Awtorità jew fi stqarrija li għamel lill-Awtorità għall-għanijiet ta' dan l-att ta tagħrif li kien jaf li ma kienx korrett jew sħiħ f'xi dettal materjali.

4. U aktar talli f'Novembru 2015 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer għamel jew naqas milli jagħmel jew ippermetta li ssir jew tonqos milli ssir xi ħaġa jew xi att bil-ħsieb li jevadi jew jipposponi l-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni fl-ammont ta' Euro 1318 kontra l-liġi.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li titratta ma' Yohan Pace talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati ta' diversi delitti, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tordna l-konfiska tal-vettura msemmija.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ittra datata 26 ta' Ottubru 2015 fejn ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta ngħatat l-approvazzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta sabiex tinbeda prosekuzzjoni fir-rigward tal-imputat;[1]

Semgħet ix-xhieda;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Illi mix-xhieda tal-Uffiċjal Investigattiv **l-Ispettur Arthur Mercieca** jirriżulta illi dawn il-proċeduri nbdew wara investigazzjoni li l-Pulizija għamlet wara li fit-23 ta' Ottubru 2015 irċeviet informazzjoni kunfidenzjali illi vettura tal-marka Volkswagen Passat ta' kulur iswed seta' kellha n-numru tac-chassis imbagħbas.

[1] Dokument AM1 a fol. 19

Irriżulta li din il-vettura kellha mwaħħal fuqha n-numru ta' reġistrazzjoni GBE 581 u li wara investigazzjoni rriżultalhom li kellha c-chassis number maqtugħ u minfloku twaħħal ieħor. Il-Pulizija kellmet lill-persuna li mingħandha ġiet elevata l-imsemmija vettura, u ċioè Jason Sammut, li spjega li kien xtara l-istess mingħand ċertu Sean Gerada u li miegħu kien hemm preżenti wkoll l-imputat. Għalhekk il-Pulizija kellmet lil Sean Gerada li stqarr li kien xtara l-vettura għal elfejn ewo (€2000) u kien biegħha lil Sammut għall-prezz ta' elf u tliet mija (€1300) fejn l-imputat kien ħa ħsieb it-transfer tal-istess vettura. Il-Pulizija kellmet ukoll lill-*panel beater* li qata' c-chassis number, u ċioè ċertu Paul Micallef, fil-konfront ta' liema ttieħdu proċeduri kriminali li għaddew in ġudikat. Paul Micallef kien spjega lill-Pulizija li l-imputat kien talbu biex jaqta' c-chassis minn fuq il-Passat l-iswed u minfloku jwaħħal ieħor li għaddielu l-imputat stess.

Fil-kors tal-investigazzjoni ttieħdu tliet stqarrijiet lill-imputat li ġew esebiti in atti bħala Dokumenti AM2, AM3 u AM4. In kontro-eżami l-Ispettur Mercieca stqarr illi lill-imputat ma kienx ingħatalu d-dritt li jkollu avukat preżenti waqt l-istqarrijiet u dan peress li l-liġi ma kinitx tippermetti dan fiż-żmien li ttieħdu l-istess stqarrijiet. Jistqarr ukoll illi fl-ebda ħin Sean Gerada ma għamel rapport fil-konfront tal-imputat.

Illi l-imsemmija vettura ġiet elevata mingħand ċertu **Jason Sammut** li f'dawn il-proċeduri xehed illi huwa xtara l-istess mingħand ċertu Sean. Jiftakar li meta tah il-vettura, dan Sean kien akkumpanjat minn ċertu Josef Grech li beda jgħidlu "dik karozza sewwa" però wara ftit taż-żmien l-istess Grech kien qallu bil-problema li kellha l-istess vettura, u ċioè li c-chassis number tagħha ma jaqbilx. Għalhekk huwa talab il-flus lura lil Sean, liema flus huwa tahomlu.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil **Stephen Sebastian Bezzina** li xehed li l-imputat kien ħabib ta' missieru u kien talbu biex idawwar il-Volkswagen Passat fuqu u li għal dan il-pjaċir kien se jagħtih xi *no claim bonus*. Jgħid li wara kien sema' li se jagħmlu xi ħabta bl-istess vettura però mbagħad inqabdu u waqqfu kollox, però sussegwentement l-imputat kien reġa' talbu jiffirma l-*logbook* biex il-vettura ddur fuq ħaddieħor u hu hekk għamel.

Xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni kien **Paul Micallef** li xehed li huwa jaħdem bħala *panel beater*. Spjega li l-imputat u persuna oħra kienu ħadulu Passat biex jibdel in-numru, u ċioè biex jaqta' n-numru tal-*body* u jwaħħal ieħor. Fil-fatt għal dan l-għemil huwa kien għadda proċeduri kriminali u ġie ġġudikat minn din il-Qorti diversament presjeduta. Stqarr li jiftakar li l-affarijiet kien għaddihomlu l-imputat. Jgħid li ħadu n-numru minn fuq Passat kulur blu li kien milqut u għamluh fuq il-Passat kulur iswed, liema vettura kienet suppost tal-Ingilterra. In kontro-eżami però

mbagħad jgħid illi meta l-vettura inġabet il-garaxx tiegħu huwa ma kienx hemm u li hu kien sabha hemm filgħodu, però meta lesta x-xogħol kien hemm preżenti l-imputat u persuna oħra u l-imputat ħallsu. Madankollu ma kienx jaf jekk Sean kienx għadda l-flus lil Josef.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019, id-difiza talbet lill-Qorti sabiex ma tihux konjizzjoni tat-tliet stqarrijiet tal-imputat "*stante li dawn kienu lezivi tad-drittijiet fundamentali tieghu meta l-imputat ma nghatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt li ttiehdu l-istess stqarrijiet".* Illi ghalhekk ikun ghaqli li l-ewwel materja li l-Qorti tinvesti hija proprju din.

Illi kif gie konfermat mill-Ufficjal Prosekutur, l-imputat ma kellux dritt li jkun assistit minn avukat waqt li gew mehuda l-istess stqarrijiet,[2] ghalkemm kellu dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu permezz tat-telefon, liema dritt huwa ezercitah qabel ittiehdu tnejn mit-tliet stqarrijiet esebiti in atti.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** deciza fis-7 ta' Jannar 2020 u cioe`:

*"Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata ghal persuni kkunsidrati vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni precedenti kontra taghhom u li ghalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittiehdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi ghalihom bhala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll ghandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u ohra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uhud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx taghti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi ghal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.*

*Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq , din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id-dritt tal-prezenta tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr*

[2] A fol. 102

*id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."*

Illi din il-Qorti taqbel ma' dan ir-ragunament u ghalhekk qieghda tiddikjara l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat fit-23 ta' Ottubru 2015, u tnejn fis-26 ta' Ottubru 2015 bhala inammissibli u ghaldaqstant qieghda tordna l-isfilz taghhom mill-atti ta' dawn il-proceduri. Konsegwentement, kwalunkwe referenza fl-atti ghall-istqarrijiet moghtija mill-imputat minghajr il-prezenza ta' Avukat matul l-investigazzjoni hija ukoll inammissibli.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti nnominat lill-espert tekniku Dr. Mario Buttigieg sabiex jeżamina l-vettura tal-marka Volkswagen Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni Ingliż R586CFC għar-rigward ta' alterazzjonijiet li saru fic-chassis tal-istess. Illi l-istess espert ippreżenta r-relazzjoni tiegħu (Dokument MB1) fl-10 ta' Lulju 2018 fejn, wara li eżamina l-istess vettura, ikkonkluda is-segwenti: *"Illi l-vettura hi ta' għamla Volkswagen Passat. Meta l-esponent eżamina x-xassis number u ċioè dak ta' mal-windscreen irriżulta li n-numru kien jaqra WVWZZZ3BZXE411492 waqt li fuq il-fire wall kien qed jaqra ZZZ3BZXE062109*. Illi mill-ġonot deher li kien hemm imwaħħal bid-damdam ma xulxin."*

Illi għalhekk huwa ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi l-Volkswagen Passat ta' lewn iswed fil-fatt kellha c-chassis number tagħha maqtugħ u mibdul ma' ieħor ta' vettura oħra, ċioè ma' dak tal- vettura tal-marka Volkswagen Passat ta' lewn blu li kellha n-numru ta' reġistrazzjoni GBE 581. Fil-fatt in-numru tac-chassis WWWZZZ3BZXE062109 jirriżulta mil-*logbook* esebit mill-prosekuzzjoni u li jappartjeni lill-vettura Volkswagen Passat ta' kulur blu bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE 581.[3]

Illi iktar minn hekk, il-fatti skont kif jirriżultaw lil din il-Qorti huma s-segwenti:-

1. Illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu il-vettura tal-għamla Volkswagen Passat ta' lewn iswed bin-numru ta' reġistrazzjoni Ingliż R586CFC u bix-chassis number *WVWZZZ3BZXE411492* u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tar-Renju Unit esebit bħala Dokument AM6 a fol. 32 u elevat mill-Pulizija;

[3] Dokument AM5 a fol. 31

2. Fis-6 ta' Lulju 2015 ċertu Sean Gerada dawwar fuqu l-Passat ta' lewn blu (GBE 581)[4] u f'xi data oħra xtara wkoll il-Passat l-iswed li importa l-imputat;
3. Illi sussegwentement il-Passat tal-Ingilterra ittieħdet mill-imputat u Sean Gerada għand il-*panel beater* Paul Micallef biex ic-chassis number tagħha jinbidel ma' dak ta' vettura oħra tal-għamla Passat (GBE 581);
4. Sussegwentement l-istess vettura inbiegħet minn dan Sean Gerada lil Jason Sammut, liema vettura, skont il-Vehicle History Details esebit bħala Dokument BF1 minn fol. 37 sa 39, ġiet reġistrata fuq ommu Theresa Sammut;
5. Xi żmien wara l-imputat kien għarraf lil Jason Sammut li l-vettura kellha problema bic-chassis number u għalhekk Sammut kien talab il-flus lura lil Gerada, liema flus ingħatawlu lura.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkużat b'erba' imputazzjonijiet u ċioè:

1. Skont l-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat illi f'Ottubru 2015 u fix-xhur ta' qabel, mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, biddel in-numru tac-chassis ta' vettura WVWZZZ3BZXE411492 ma' numru WWWZZZ3BZXE062109. Illi minn dak li xehed Paul Micallef jirriżulta illi għalkemm ma kienx fil-garaxx meta waslet għandu l-vettura, meta lesta x-xogħol kien hemm preżenti l-imputat u Sean Gerada u kien proprju l-imputat li ħallsu għal din il-biċċa xogħol tal-bdil tac-chassis number. Illi fin-nota ta' sottomissjonijet taghha d-difiza ssottomettiet illi l-imputat ma jistghax jigi akkuzat bhala awtur tar-reat izda semmai bhala komplici. Illi din il-Qorti fil-verita` irrizultalha illi bhala stat ta' fatt ic-*chassis* gie mibdul minn Paul Micallef. Ghalhekk l-imputat ma kienx l-awtur. Pero` certament kien komplici f'dak li wettaq Paul Micallef u dan ghaliex il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad li trid il-ligi illi kien fil-fatt hu li ordna u ta struzzjonijiet lil Paul Micallef biex jaghmel dak li ghamel, u ghaldaqstant irrenda ruhu komplici f'dan ir-reat. Illi bir-rispett kollu lejn is-sentenza citata mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zammit**[5] fejn l-akkuzat f'din il-kawza ghalkemm kien akkuzat bhala awtur gie misjub hati bhala komplici. Din il-Qorti taghmel referenza ghal artikolu 467(2) tal-Kodici Kriminali li jgħid is-segwenti: *"Meta ma jiġix ippruvat li l-akkużat, jew xi wieħed mill-akkużati, kien l-awtur jew wieħed*

[4] Dan jirrizulta mill-Vehicle History Details a fol. 39
[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali 20.01.2011

*mill-awturi tar-reat miġjub fl-att tal-akkuża, iżda jiġi ippruvat li kien kompliċi jew li jkun ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat, il-ġuri jista' jiddikjara l-akkużat ħati bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat; reċiprokament, meta persuna tkun akkużata, fl-att tal-akkuża, b'kompliċità f 'reat il-ġuri jista' jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat jew ħatja bħala l-awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat u jekk hija tkun akkużata b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat hija tista' tigi ddikjarata ħatja bħala kompliċi f'dak ir-reat jew bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat, ikkunsmat jew ittentat, jekk ikun hemm provi ta' dan."* Illi l-Qorti tirrileva illi ghalkemm dan l-artikolu qieghed espressament jghmel referenza ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, persuna li tiġi akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala awtur ta' delitt, tista' wkoll tinstab ħatja sia ta' kompliċi f'dak id-delitt kif ukoll ħatja biss ta' tentattiv ta' dak id-delitt. Din hija l-linja li dejjem ħadu l-Qrati tagħna; u kienet tkun sitwazzjoni pjuttost stramba, jekk mhux addirittura assurda, li kieku filwaqt li fil-proċedura solenni tal-ġuri persuna li tkun akkużata bħala l-awtur ta' reat tista' tinstab ħatja bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħatja ta' tentattiv f'dak ir-reat, fil-proċedura essenzjalment sommarja quddiem il-Qorti tal-Maġsitrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tali possibilita' ma tezistix.

2. Illi skont it-tieni imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat illi f'Ottubru 2015 u fix-xhur ta' qabel mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li tagħha setgħet ingħatat dik l-awtorizzazzjoni, kellu fil-pussess tiegħu, uża jew ippermetta li tintuża jew biegħ jew xort'oħra, trasferixxa jew ħareġ jew ippermetta li tinħareġ minn xi deposit tad-Dwana vettura bil-mutur li ma ġietx reġistrata. Illi fil-fehma tal-Qorti m'hemm l-ebda dubju illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni Ingliż T586CFC, liema vettura ma ġietx reġistrata skont il-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta u dan kif jirriżulta mil-*letter to prosecute* esebita a fol. 19.
3. Illi t-tielet u r-raba' imputazzjoni jirrigwardaw ir-reati kontemplati ta' evażjoni tat-taxxa ta' reġistrazzjoni, liema imputazzjonijiet huma ampjament ippruvati anke in vista tad-dikjarazzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta a fol. 19.

Illi fin-Nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-imputat jirrileva illi huwa fundamentali li z-zmien meta sar ir-reat jaqbel maz-zmien indikat fic-citazzjoni. Illi z-zmien indikat fic-citazzjoni huwa "f'Ottubru 2015 u fix-xhur ta' qabel". Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni u dan ghaliex jirrizulta illi r-reati sehhew wara

li Sean Gerada akkwista l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBE 581, liema karozza giet registrata fuqu bhala sid fis-6 ta' Lulju 2015 u dan kif jirrizulta mill-Vehicle History Details a fol. 39 tal-process. Mill-istess dokument jirrizulta illi sussegwentement fil-25 ta' Awwissu 2015 il-vettura daret fuq Theresa Sammut, omm Jason Sammut. Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi r-reati in dizamina fil-fatt twettqu fil-perjodu indikat fic-citazzjoni.

Illi finalment hemm addebitata r-reċidiva lil ċertu Yohan Pace. Dan huwa ovvju żball fiċ-ċitazzjoni. Pero`, nonostante dan l-izball, l-istess addebitu ma giex ippruvat skont il-ligi. Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Frar 2003, intqal: *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi l-Qorti tirrileva illi fil-kaz in ezami ma saret l-ebda prova dwar ir-recidiva. Il-fedina penali ma tikkostitwixxix la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva. Illi di piu`, dwar l-addebitu tal-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, u cioe` l-aggravju tal-piena fil-kazi ta' recidiva f'serq, ma jiccentra xejn fil-kaz odjern stante li, minghajr pregudizzju ghal dak sottomess hawn fuq dwar kif trid issir il-prova tar-ricediva, mill-fedina penali tal-imputat ma jirrizultax illi qatt gie misjub hati ta' reati taht is-Subtitolu I tat-Titolu IX tal-Kodici Kriminali.

Konsegwentement l-akkuza dwar l-addebitu tar-recidiva ma tirrizultax ippruvata.

Illi in kwantu għall-piena, il-Qorti tinnota illi l-piena applikabbli għall-ewwel imputazzjoni hija massimu sena priġunerja jew multa ta' mhux inqas minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) u mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien. Illi fir-rigward tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni, il-piena għalihom hija multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur,

jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien. Illi l-Qorti hija tal-fehma illi għandha timponi multa komplessiva li fiha tikkomprendi l-multa ai termini tal-artikolu 21 (1) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè darbtejn l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta fuq il-vettura inkwistjoni u ċioè elf, tliet mija u tmintax-il ewro għal darbtejn.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 4 u 22, 21(1)(a)(b) u (d) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 42 u 298D tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda mhux bħala riċediv, filwaqt li tiddikjarah mhux hati tal-ewwel imputazzjoni bhala awtur izda hati bhala komplici, u tikkundannah ħlas ta' multa ta' tlett elef ewro (€3000).

B'applikazzjoni tal-Art 21(2) tal-Kapitolu 368 u tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura tal-marka Volkswagen Passat bin-numru tar-reġistrazzjoni T586CFC esebita formalment fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2018 u li hija mmarkata bħala Dokument AM 6.

Fl-aħħarnett il-Qorti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati jħallas l-ispejjeż peritali inkorsi f'dawn il-proċeduri fl-ammont ta' erba' mija, erbgħa u tletin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€434.36).

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**